# PAOLINO VASSALLO

## Kompożitur u Mużiċista magħruf

mil-Kan. Dun Ġużepp Bonello

Paolin Vassallo twieled Bormla fl-24 ta' Lulju 1856 minn Salvatore Vassallo u Vittorja Scicluna. Beda jistudja l-mużika għand il-Kanonku Dun Alwiġ Fenech, tgħallem il-vjolin għand il-famuż Domenico d'Amore. Surmast ieħor kien il-patri Agostinjan Spiteri Fremond. L-ewwel xogħol tiegħu kien *Il fior del mio diletto.*

Fl-1875, meta kellu biss 19-il sena telaq lejn Pariġi fejm dam 10 snin jitgħallem u jistudja għand tnejn mill-aqwa mużiċisti magħrufa – Gounod u Massenet. Huwa kiseb suċċess kbir, tant li mill-Konservatorju Mużikali ta' Pariġi akkiwsta l-ogħla ċertifikati fuq sħabu.

Meta reġa' lura Malta huwa fetaħ Istitut Mużikali sabiex ikun jista' jgħallem lil ħutna Maltin l-arti mużikali. Fost l-allievi l-aktar promettenti tiegħu insibu lil Carlo Diacono, lil Ġużeppi Caruana, magħruf għall-innijiet sagri tiegħu, lil Abdilla u bosta oħrajn.



President tas-Soċjetà Beland fl-1900 u Presaident Onorarju għal għomru, kif ukoll kompożitur ta' l-ewwel INNU BELAND

Paolin Vassallo kien raġel tal-familja. Kellu rispett kbir lejn martu Marianne neè Grech li huwa kien iżżewweġ fis-7 ta' Lulju, 1896. Kellu żewġt itfal – Victor illi laħaq tabib u bintu Bice li kienet pjanista ta' fama u wara żżewġet lil Dr. Enrico Mizzi, aktar tard Prim Ministru ta' Malta. Kellhom tifel wieħed –Mons. Fortunat Mizzi.

Bħala Bormliż ma' setax jonqos li jkollu devozzjoni kbira lejn Marija Mmakolata. Huwa kiteb bosta innijiet marjani bħal 'Ave Maris Stella' u 'Stabat Mater'. Fl-24 ta' Ġunju 1905 huwa dderieġa l-quddiesa pontifikali li qaddes il-Kardinal Ferrata fl-inkoronazzjoni tal-kwadru titulari.

Fi żmien Vassallo l-mużika fil-quddies kantat kienet iddum madwar tlett siegħat. Huwa fatt iżda illi din it-tip ta' mużika ma tantx kienet addattata għall-funzjonijiet liturġiċi. Għalhekk il-Papa Piju X kien ħareġ il-*Motu Proprjiu* dwar ir-riforma tal-mużika fil-knejjes. Vassallo kien minn ta' l-ewwel li beda jikteb mużika skond il-Motu Propriu għalkemm sab oppożizzjoni kbira. L-Isqof Pace tah l-aqwa unur li jista' jkollu mużiċista Malti meta ġie magħżul bħala *Maestro di Cappella* tal-Kattidral.

Paolin Vassallo minbarra x-xogħlijiet sagri tiegħu kkompona wkoll mużika lirika u nsemmu fostħom it-tlett opri illi kiteb 'Amor fatale', Frazir' u 'Edith Cavel'. Vassallo miet fit-30 ta' Jannar 1923 u ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata. Fuq il-qabar tiegħu hemm kitba bil-Latin, li bil-Malti tfisser *"Il-veru kobor la jitlob u lanqas jittallab tifħir fieragħ".*